MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2010

Numru 1129/2008

Il-Pulizija
(Spettur Elton Taliana)

vs

Carmel Debono

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 576755(M), akkuzat talli:

- nhar l-25 ta’ Frar 2008 ghal habta tal-erba’ u ghaxra ta’ wara nofsinhar gewwa Triq l-Imdina, ma Triq Fleur de Lys, Birkirkara, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DBL 456 minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Paul Fenech minn

Birkirkara skond kif iccertifika Dr Edward Massa ta’ l-Isptar Mater Dei.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat taht gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni tipotizza l-ferita gravi maghmula fuq terzi f’incident stradali li gara fil-25 ta’ Frar 2008 bejn karozza numru ta’ registrazzjoni DBL 546, misjuqa mill-imputat, u mutur misjuq minn certu Paul Fenech, il-parti leza, li xehed f’dawn il-proceduri, u li kawza tal-incident sofra dislokazzjoni fi spaltu tal-lemin. Dawn il-griehi jinsabu deskritti u gew ccertifikati ‘gravi per durata’ fic-certifikati medici esebiti in atti u sostanzjati bhala tali mix-xhieda tal-imsemmi parti leza. Dan ta’ l-ahhar stqarr li minhabba l-griehi li sofra kellu jirtira gimgha fis-sodda ma jistax jiccaqlaq u preluz li jmur ghax-xoghol ghal circa tlett gimghat.

Dwar l-incident li ta aditu ghall-griehi li sofriet il-parti leza huwa inkontestat li dan gara mar-‘roundabout’ li tinsab faccjata fejn kien hemm l-istabbiliment tal-‘Capri Sun’ illum tal-Bank of Valletta. Id-dinamika tal-incident tidher ben spjegata fl-iskizz folio 16 tal-process li abbinata mal-provi in atti juri li l-imputat kien hareg minn l’hekk imsejha ‘service road’ biswit fejn hemm l-istabbiliment tal-Bank waqt li l-parti leza kient gejja mid-direzzjoni tal-Hamrun diretta ghall-Imriehel.

Intant, l-imputazzjoni hija sorretta skond l-Artikolu 225 u 226 tal-Kap 9. L-Artikolu 225 jikkontempla l-omicidju involontarju u l-Artikolu 226 l-offiza involontarja fuq il-persuna minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti. U hawnhekk jistrieh proprju l-qofol tal-kawza billi biex l-imputat jinstab hati, ghab-bazi tal-akkuza, ghandu jirrizulta l-ewwelnett illi huwa jahti ghall-incident stradali. Il-Qorti, f'dan il-kuntest mhux qeghedha taghti importanza dwar jekk l-imputat setghax jittranzita s-'service road' mid-direzzjoni li ttranzitha. Li tqis rilevanti huwa x'aghmel meta hareg mis-'service road' u qabad it-triq tar-'roundabout'. Fl-istqarrija tieghu, qatt ikkontestata, huwa jghid li kien sejjer id-dar hekk kif kien spicca mix-xoghol u kien dirett fid-direzzjoni ta' Fleur-de-Lys. Kellu ghalhekk jaqsam il-korsija tal-vetturi li kienu gia' fuq ir-'roundabout'. Huwa fid-dawl ta' dan li l-htija tal-imputat hija certa u palesi. Anka dwar il-feriti subiti mill-parti leza kawza tal-incident il-Qorti hi sodisfatta li dawn huma gravi 'per durata'.

Ghaldqastant, issib l-imputat hati skond l-akkuza. Rat l-Artikolu 216(d) u 226(b) tal-Kap 9. Tikkundannah elf u hames mitt Ewro multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------